DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU, RIĊERKA
INNOVAZZJONI U TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DEPARTMENT FOR CURRICULUM, RESEARCH
INNOVATION AND LIFELONG LEARNING
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar

**Tel:** 2598 2425 / 2598 2426 / 2598 2427 **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

## ĊIRKULARI

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Informazzjoni:** | X | **Data:** | 13 ta' Ottubru 2017 |
| **Azzjoni:** | X | **Ref:** | DLAP 116/2017 |

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Primarji, Medji u Sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti u Sezzjonijiet

**Mingħand:** Coleiro Doreen, Grima Carlston, Mifsud George u Muscat David – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Sessjonijiet ta' sapport mill-għalliema tar-riżorsi tal-Malti

---

Il-kapijiet tal-iskejjel huma mgħarrfa li t-Taqsima tal-Malti fi ħdan id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Asssessjar qed toffri s-servizz li l-għalliema tar-riżorsi jżuru l-iskejjel u jiltaqgħu mal-għalliema. F'dawn il-laqgħat l-għalliema jkollhom l-opportunità li jsiru jafu aħjar x'riżorsi hemm għat-tagħlim tal-Malti u jsiru dimostrazzjonijiet ta' kif jistgħu jintużaw dawn ir-riżorsi. Huma jagħtu wkoll suġġerimenti ta' x'materjal jixtiequ li jiżdied mal-banka tar-riżorsi li diġà hemm.

Għalhekk dawk il-kapijiet ta' skejjel li jixtiequ li jkollhom dan is-servizz huma mitluba jimlew il-formola mehmuża u f'każ ta' diffikultà jikkuntattjaw lis-Sur Carlston Grima, Uffiċjal Edukattiv tal-Malti fuq carlston.grima@ilearn.edu.mt jew fuq in-numru tat-telefown 25982927.

Grazzi tal-kollaborazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**